# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019**

**Numru 6**

**Rikors numru 105/12 AE**

**Salvatore Attard u Josephine Attard**

**v.**

**Maria Schembri u b'digriet tas-26 ta' April, 2013, il-qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju favur Victoria Schembri, Carmen Brincat u Margaret Muscat, stante l-mewt ta' Maria Schembri fil-pendenza tal-proċeduri (fol. 89); Emanuel Schembri u b'digriet tas-26 ta' April, 2013, il-qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju favur Emmanuel Paul Schembri u Maria Pia Cumbo, stante l-mewt ta' Emanuel Schembri fil-pendenza tal-proċeduri (fol. 89); Therese Schembri; Hannah Debono; Laura Schembri; Janet Schembri[1]; u l-Awtorità tad-Djar[2]**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell imressaq mill-atturi u kif ukoll appell inċidentali

[1] Din il-parti żdiedet wara digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju 2012
[2] Ara digriet mogħti fis-seduta tas-16 ta' April 2012 meta l-qorti awtorizzat korrezzjoni fir-rikors ġuramentat. F'dik is-seduta l-familja Schembri rtirat l-ewwel eċċezzjoni

mressaq mill-intimati Schembri minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 2013, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti iddeċidiet kif ġej: " *1. Tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorità tad-Djar hi ezawrita wara l-korrezzjoni li saret fis-seduta tas-16 ta' April 2012; 2. Salv ghal dak li ser jinghad dwar il-hames eccezzjoni, tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tas-sidien Maria Schembri et in kwantu dawn jirreferu ghal dik il-parti mill-fond numru 8, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera li ghadha milquta mill-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579 mahrug fit-28 ta' Jannar 1986; 3. Tiddikjara li l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579/86 mahrug fit-28 ta' Jannar 1986 qieghed jolqot biss dik il-parti tal-fond numru 8, Triq Antonio Miruzzi (qabel Sqaq Kanun), Santa Venera li hi delinejata bil-kulur ahmar fil-pjanta prezentata mill-Awtorità tad-Djar fit-18 ta' Ottubru 2013 (fol. 112), cjoe fejn hemm id-dar; 4. Tilqa' l-ewwel talba limitatament fir-rigward ta' dik il-parti tal-proprjetà delinejata bil-kulur ahmar fil-pjanta prezentata mill-Awtorità tad-Djar fit-18 ta' Ottubru 2013. Tichad l-ewwel talba fir-rigward tal-kumplament tal-proprjeta; 5. Tiddikjara li l-konvenuti membri tal-familja Schembri m'ghandhomx jedd li jezegwixxu s-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tal-24 ta' Ottubru 1985 limitament fir-rigward ta' dik il-parti fuq imsemmija li ghadha milquta mill-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579/86. Tichad it-talba fir-rigward tal-kumplament tal-proprjetà; 6. Tikkonferma li d-digriet li kien inghata fis-7 ta' Lulju 2004 mill-Bord Li Jirregola l-Kera fl-atti tal-*

*mandat ta' zgumbrament numru: 8/2002 ghadu jghodd limitatament fir-rigward ta' dik il-parti mill-proprjetà li ghadha milquta minn ordni ta' rekwizizzjoni, izda tali digriet m'ghadux ighodd fir-rigward ta' dik il-parti tal-proprjetà li giet milquta mill-ordni ta' derekwizizzjoni; 7. Tiddikjara li d-digriet moghti fis-17 ta' Ottubru 2011 fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament numru 1453/2011 moghti fis-17 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Maria Schembri vs Salvatore Attard, japplika biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-proprjetà li m'hijiex milquta bl-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579 mahrug fit-28 ta' Jannar 1986; 8. Jibqa' mpregudikat l-ilment li ressqu l-familja Schembri dwar jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579/86 jiksirx il-jedd fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjetà skond l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Kwistjoni li dwarha ma tressqux provi[3] u lanqas saru sottomissjonijiet[4], iktar u iktar in vista tal-fatt li llum il-gurnata l-parti l-kbira tal-proprjetà hi milquta minn ordni ta' derekwizizzjoni. Spejjez tal-Awtorità ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi[5], b'dan li l-kumplament tal-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti a karigu tal-atturi u kwart a karigu tal-konvenuti sidien tal-fond[6]* ;

2. Biex wieħed jifhem aħjar ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti tasal

[3] Hekk per ezempju m'hemmx prova dwar il-kera li giet offruta.

[4] F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali qalet kemm-il darba li ghalkemm ordni ta' rekwizizzjoni tista' tkun legittima u fl-interess socjali, xorta tista' twassal ghal-lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, fil-konfront tas-sid, jekk il-kera tkun baxxa meta tikkunsidra l-valur tal-proprjeta rekwizizzjonata.

[5] Dan peress li l-qorti tqies li ma kienx mehtieg li tigi mharrka.

[6] Il-qorti qeghda tiddeciedi hekk ghaliex l-atturi ma nghatawx ragun fir-rigward tal-fond kollu u minkejja l-ordni ta' derekwizizzjoni li harget fis-7 ta' Ottubru 2013 baqghu jinsistu fuq it-talbiet fir-rigward tal-fond kollha.

għad-deċiżjoni tagħha u biex wieħed jifhem aħjar l-atti mressqin mill-partijiet f'din l-istanza, il-Qorti qiegħda ġġib hawnhekk is-sentenza appellata sħiħa li tgħid hekk:

"***Rikors guramentat***.

*"Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Frar 2012 l-atturi ppremettew u talbu:*

*"1. Illi l-esponenti huma inkwilini tal-fond rekwizizzjonat 8, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, skond requisition order numru 48579/86 tat-28 ta' Jannar, 1986, hawn anness u mmarkat bhala dokument A proprjeta' tal-intimati Schembri liema fond gie fil-pussess tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali bir-rekwizizzjoni fuq imsemmija.*

*"Illi l-pussess tal-fond mill-ordni ta' rekwizizzjoni sal-gurnata tal-lum, ghadda f'idejn id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali u l-kera ta' l-istess fond, qed tithallas lill-istess Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali b'mod regolari mir-rikorrenti.*

*"Illi hemm relazzjoni ġuridika b'konsegwenza ta' din l-ordni ta' rekwizizzjoni 48579/86 bejn l-atturi u d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali li tezorbita id-drittijiet proprjetarji ta' l-intimati Schembri stante illi l-pussess tal-fond ghadda f'idejn l-istess Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali.*

*"Illi konsegwentement ghal din ir-rekwizizzjoni, m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-intimati Schembri, stante illi huma sussegwentement ghar-rekwizizzjoni fuq imsemmija, qatt ma rrikonoxxew lill-atturi fl-inkwilinat taghhom.*

*"Illi antecedentement ghal din l-ordni ta' rekwizizzjoni, l-Bord tal-Kera b'sentenza fl-atti tar-Rikors Nru: 388/85AD fl-ismijiet Emanuel Schembri vs. Salvatore Attard, deciza fl-24 ta' Ottubru, 1985, hawn annessa u mmarkata bhala dokument B ordnat l-izgumbrament mill-fond mikri lir-rikorrenti.*

*"Illi l-intimati Schembri jew l-ante kawza taghhom b'Mandat ta' zgumbrament Nru : 8/02 fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Emanuel Schembri vs. Salvatore Attard, degratat fis-7 ta' Lulju 2004 hawn annessa u mmarkata bhala dokument C talbu l-izgumbrament ta' l-atturi mill-fond in kwistjoni u dan minkejja l-ordni ta rekwizizzjoni fuq imsemmija .*

*"Illi b'digriet tal-Bord tal-Kera tas-7 ta' Lulju, 2004, wara rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Zgumbrament imsemmi, il-Bord tal-Kera ssospenda l-esekuzzjoni ta' l-istess Mandat ta' Zgumbrament tal-atturi*

*mill-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, St. Venera, stante illi l-fond gie rekwizizzjonat u nharget requisition order numru 48579/86 fit-28 ta' Jannar, 1986 mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali li ghadda l-pussess tal-fond f'idejn l-atturi.*

*"Illi gie deċiz mill-istess Bord tal-Kera fl-atti tar-rikors ghar-revoka degretat fis-7 ta' Lulju 2004 illi l-intimati Schembri ma setghux jizgumbraw lill-atturi, stante r-rapport li nholoq bejn id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali u l-persuna akkomodata, u ghaliex issa b'din l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579/86 mahruga fit-28 ta' Jannar 1986 ma kienx hemm aktar rapport ta' kirja vera u proprja bejn l-atturi u l-intimati Schembri izda rapport sui generis, skond l-Att dwar id-Djar u d-dispozizzjonijiet amministrattivi applikabbli – Vide* ***Gera De Petri vs. Grasso****, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar, 2003.*

*"Illi ghalhekk bl-ordni ta' rekwizizzjoni, l-intimati Schembri gew spossesati mill-fond b'mod illi minn mindu ssir u sakemm tibqa' fis-sehh ir-rekwizizzjoni odjerna, l-pussess tal-fond u d-disponibilita' ta' dak il-pussess, ma baqax iktar f'idejn l-intimati Schembri izda f'idejn l-intimat Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali – vide sentenza Bord tal-Kera* ***Xuereb noe vs. Mamo et –*** *deciza fit-23 ta' Ottubru, 2002.*

*"Illi minkejja dan l-intimati Schembri, b'Mandat ta' Zgumbrament iehor ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera Nru : 1453/11MG fl-ismijiet Maria Schembri vs. Salvatore Attard, hawn anness u mmarkat bhala dokument D l-intimati Schembri regghu talbu l-izgumbrament mill-fond tar-rikorrenti, minkejja illi tali zgumbrament gie sospiz mill-Onorabbli Bord tal-Kera, bid-decizjoni tieghu tas-7 ta' Lulju, 2004 fuq riferita u dan minkejja illi l-Mandat ta' Zgumbrament Nru : 8/02 ghadu in vigore stante tali sospensjoni u minhabba li l-fond huwa rekwizizzjonat.*

*"Illi dan il-Mandat ta' Zgumbrament numru 1453/11MG fl-ismijiet Maria Schembri et vs Salvatore Attard ghadu ma giex ezegwit stante illi r-rikorrenti b'rikors għar-revoka numru 120/11GG fl-ismijiet Maria Schembri et vs Attard Salvatore differita għas-seduta ta' 27 ta'Frar 2012 ghadu pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.*

*"Illi jenhtieg illi l-hrug tal-Mandat ta' zgumbrament numru 1453/11MG mahrug mill-Bord tal-Kera fl-ismijiet Maria Schembri et vs Salvatore Attard et jigi ddikjarat null u bla effett fil-Ligi stante illi l-effetti tal-izgumbrament tal-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, St. Venera gew sospizi bid-digriet tas-7 ta' Lulju 2004 deciz mill-Bord tal-Kera fl-atti tar-rikors ghar-revoka tal-hrug tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard.*

*"Illi in oltre' gja la darba l-Mandat ta' Żgumbrament 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs. Salvatore Attard deċiż fis-7 ta' Lulju 2004 issospenda l-effetti tal-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, St. Venera l-intimati Schembri ma setghux jergghu jitolbu l-hrug ta' Mandat ta' Zgumbrament ieħor 1453/11MG fl-ismijiet*

*Maria Schembri et vs. Joseph Attard, u dan a bazi tal-principju ta' ne bis in idem u lis alibi pendens gialadarba l-effetti tal-ordni ta' rekwizizzjoni 48579/86 ghadhom in vigore.*

*"Illi wkoll il-hruġ tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru : 1453/11 fl-ismijiet Maria Schembri et vs. Salvatore Attard huwa null u abbusiv skond il-Ligi gialadarba l-Mandat ta' Żgumbrament Nru : 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard issospenda l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond in kwistjoni peress li dan huwa fond rekwizizzjonat u ghalhekk mhux iktar fil-pussess ta' l-intimati Schembri imma tad-Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali.*

*"Illi ghalhekk l-effetti tas-sentenza deciza mill-Bord tal-Kera fl-24 ta' Ottubru, 1995, fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Schembri vs. Salvatore Attard skond rikors nru : 388/85 ghall-izgumbrament mill-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, mikri lir-rikorrenti mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali  wara l-hrug ta' ordni ta' rekwizizzjoni nru : 48579/86 datat 28 ta' Jannar, 1986 huma sospizi u ghalhekk l-ebda Mandat ta' Zgumbrament iehor ma jista' jinhareg gja la darba gew sospizi bil-Mandat ta' zgumbrament Nru : 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs. Salvatore Attard.*

*"Jghidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandux jigi dikjarat u deciz:*

*"1.  Illi l-fond 8, Triq Antonio Miruzzi gja Sqaq Kanun, Sta. Venera huwa kolpit b'ordni ta' rekwizizzjoni 48579/86 mahrug fit-28 ta' Jannar, 1986, mahrug mill-intimat Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali u ghalhekk mhux fil-pussess ta' l-intimati Schembri.*

*"2.  Tiddikjara u tiddeciedi illi l-effetti tas-sentenza deciza mill-Bord tal-Kera fil-kawza 388/85 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs. Salvatore Attard, deciza fl-24 ta' Ottubru, 1985, ghall-izgumbrament tar-rikorrent Salvatore Attard  huma sospizi bil-hrug ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni 48579/86 mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali kif del resto gie deciz fir-rikors għar-revoka tal-Mandat ta' zgumbrament 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard degretat mill-Bord tal-Kera fis-7 ta' Luju 2004.*

*"3.  Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba din l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579/86 mahruga fit-28 ta' Jannar 1986 l-intimati Schembri bhala sidien tal-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, St. Venera m'ghandhomx dritt jirriprendu l-pussess tal-fond u jizgumbraw lir-rikorrenti Attard  stante illi inholoq rapport sui generis bejn ir-rikorrenti Attard u l-istess intimat Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fejn l-istess rikorrenti huma issa obbligati jikkonsenjaw c-cwievet lill-istess Direttur għall-Akkomodazzjoni Socjali fit-tmiem il-pussess taghhom tal-istess fond.*

*"4.  Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sospensjoni tal-effetti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore*

*Attard degratat mill-Bord tal-Kera fis-7 ta' Lulju 2004 ghall-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, Sta. Venera ghadhom veljanti stante li l-fond in kwistjoni għadu rekwizizzjonat mill-intimat Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali f'idejn ir-rikorrenti Salvatore Attard.*

*"5. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-hrug tal-Mandat ta' zgumbrament numru 1453/11 fil-17 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Maria Schembri vs Salvatore Attard ghall-izgumbrament tar-rikorrent mill-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, St. Venera huwa null u bla effett fil-Ligi u ma jistax jigi ezegwit stante s-sospensjoni tal-izgumbrament mill-fond 8, Triq Antonio Miruzzi, St. Venera stante dak li gie degretat mill-Bord tal-Kera fis-7 ta' Lulju 2004 fl- atti tal-Mandat ta' Zgumbrament 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard u dan stante wkoll li l-fond in kwistjoni ghadu hekk rekwizizzjonat.*

*"**Eccezzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar**.*

*"1. Il-funzjonijiet tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali gew assorbiti mill-Awtorita' tad-Djar.*

*"2. L-esponenti jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-qorti.*

*"3. L-ordni ta' rekwizizzjoni nharget sabiex tipprotegi lill-atturi fl-okkupazzjoni taghhom tal-fond.*

*"4. L-esponenti hassew il-htiega li johorgu din l-ordni ta' rekwizizzjoni fit-28 ta' Jannar 1986 bhala mezz ta' protezzjoni favur l-inkwilin ta' dak iz-zmien Saviour Attard.*

*"5. L-esponenti m'ghandix taghmel tajjeb ghall-ispejjez.*

*"**Eccezzjonijiet tal-konvenuti Schembri et**.*

*"1. Preliminarjament, l-azzjoni kif intavolata kontra d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali hi irrita u nulla, stante` li l-mansjoni tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali tinsab vestita fl-Awtorità tad-Djar, u d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali m'ghadux jezisti.*

*"2. Illi l-azzjoni attrici hi wahda manifestament abusiva, u ghandha tigi michuda. Il-kwistjoni jekk il-fond numerat 8, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera kienx gie rekwizizzjonat jew le, u ghadux rekwizizzjonat sal-lum jew le, hi rrilevanti. Dana peress illi l-ordni ta' rekwizizzjoni sehhet sussegwentement ghas-sentenza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera tal-24 ta' Ottubru 1985, f'liema sentenza gie ordnat l-izgumbrament tal-attur f'din il-kawza Salvatore Attard, stante` li hu ma kienx hallas il-kera dovuta minnu lid-defunt Emanuel Schembri[7], meta bejniethom kien hemm rapport ta' kera privat.*

[7] ir-ragel tal-konvenuta Maria Schembri u missier il-konvenuti l-ohra, hlief ghal Hannah Debono u Laura Schembri li taghhom Emanuel Schembri jigi n-nannu patern.

*"3. Illi jirrizulta li l-attur kien jikri l-fond mertu tal-kawza direttament minghand Emanuel Schembri, imbaghad billi ma hallasx l-iskadenzi tal-kera, gie zgumbrat minn dan il-fond mill-Bord li Jirregola l-Kera. Tlett xhur wara li din is-sentenza ghaddiet in gudikat, inharget l-ordni ta' rekwizizzjoni fl-1986 mill-amministrazzjoni mmexxija mill-Prim'Ministru li nzerta wkoll li kien, f'dak iz-zmien, l-avukat difensur tal-attur.*

*"4. Illi ghalhekk l-ordni ta' rekwizizzjoni ma setghet qatt u bl-ebda mod thassar jew tissospendi l-esekuzzjoni ta' sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera, li ghaddiet in gudikat qabel ma nharget l-ordni ta' rekwizizzjoni – kieku kien mod iehor, ifisser li l-Ezekuttiv ikun jista' jhassar, b'daqqa ta' pinna, d-decizjonijiet mehuda mill-Gudikatura, u dan iwassal ghal kollass tas-separation of powers u intralc mill-Ezekuttiv fis-setghat tal-Gudikatura. M'hemmx dubju li dak kien l-iskop infami u tal-misthija ta' din l-ordni ta' rekwizizzjoni, biex bla misthija jigu kalpestati d-drittijiet tas-sidien. Illi s-sentenza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera tal-24 ta' Ottubru 1985 baqghet taghmel stat fil-konfront tal-attur/i, u tibqa' taghmel stat fil-konfront taghhom, irrispettivament minn dak li ghogbu jaghmel in mala fede d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali sussegwentement.*

*"5. Illi subordinatament ukoll u bla pregudizzju ghall-premess, l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579/86 tilledi l-jedd fundamentali tal-intimati kif protett u sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan billi r-requisition order holqot pregudizzju sproporzjonat lill-intimati, tenut kont tal-kera irrizorja li giet stabbilita mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali komparata mad-daqs enormi tal-fond rekwizizzjonat, li hu certament in eccess ta' dak mehtieg mill-atturi biex jghixu fih, u l-fatt li d-Direttur sfida b'mod sfaccat u abusiv sentenza ta' Qorti (Bord) ghal skopijiet hziena, u b'hekk illeda drittijiet legali li kienu diga gew akkwiziti mill-intimati odjerni qabel inharget l-ordni ta' rekwizizzjoni.*

*"6. Illi wkoll, dejjem subordinatament u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, jispetta lill-attur/i li jressqu prova li l-ordni ta' rekwizizzjoni inharget skont il-ligi, u li gew segwiti l-formalitajiet li kienet trid il-ligi.*

*"7. Illi l-kawza odjerna tikkostitwixxi biss "appell" mhux permissibbli skont il-ligi mis-sentenza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera tal-24 ta' Ottubru 1985, stante` li din ilha snin li ghaddiet in gudikat u qatt ma sar appell minnha, u hi ezegwibbli.*

*"8. Illi dak li jinghad fid-disa' paragrafu tar-rikors mahluf hu kontestat - jigi rilevat li hu minnu li fuq l-iskorta ta' diversi gudikati, r-rekwizizzjoni ghandha bhala effett li tispossessa lir-'requisitionee' b'mod li minn mindu ssir, u sakemm tibqa' ssehh, il-pussess tal-fond u d-disponibbilità tieghu ma humiex aktar f'idejh, izda f'idejn l-amministrazzjoni bil-konsegwenza illi s-sid hekk spossessat, pro*

*tempore, ma ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond. Izda l-kaz odjern hu toto coelo differenti ghaliex il-gudikat li jordna l-izgumbrament tal-atturi gie ottjenut **qabel inharget l-ordni ta' rekwizizzjoni**, u ghalhekk jeghleb kull ordni ta' rekwizizzjoni li nharget wara li nghatat din is-sentenza. L-ordni ta' rekwizizzjoni ma setghet qatt ikollha l-effett li ccahhad lill-intimati milli jesegwixxu titolu ezekuttiv li kien hemm a favur taghhom.*

*"9. Illi b'riferenza ghal dak li jinghad fil-paragrafu numerat tnax (12) tar-rikors promotur, mhux minnu li bid-digriet moghti fis-7 ta' Lulju 2004 fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament 8/02 fl-ismijiet Emanuel Schembri vs Salvatore Attard gew sospizi l-effetti tal-izgumbrament mill-fond mertu tal-kawza. Bid-digriet imsemmi, li nghata wara li l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kien dahal fis-sigrieta tal-Magistrat Joe Cassar, u wara ghajjat kbir, li instema' minn kull min kien qieghed fl-awla, fosthom is-sottoskritt, fis-sens li l-Mandat ta' Zgumbrament ma setax jigi akkordat gjaladarba kien hemm requisition order vigenti, il-Magistrat ordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament 8/02. Dan wara li l-ewwel reazzjoni tal-Magistrat li nstemghet minn min kien fl-awla kienet li l-Mandat ma setax jigi sospiz la kien hemm gudikat. Sfortunatament dan kien episodju fejn tkompla l-family jamboree, li l-intimati ghandhom tabilhaqq ghax ihossuhom dizilluzi dwaru. Importanti ferm li jigi rilevat li mhux korrett li jinghad li bid-digriet tas-7 ta' Lulju 2004 gew sospizi l-effetti tal-izgumbrament mill-fond mertu tal-kawza, izda gew sospizi biss l-effetti tal-Mandat ta' Zgumbrament 8/02, u ma kien hemm xejn xi jzomm lill-intimati li jintavolaw mandat ezekuttiv iehor abbazi tat-titolu ezekuttiv minnhom ottjenut fl-24 ta' Ottubru 1985.*

*"10. Illi s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament 8/02 saret ghal motivi mhux xierqa, u tali digriet kienet wiehed manifestament skorrett stante` li l-Bord li Jirregola l-Kera (dak presjedut mill-Magistrat Cassar) kellu jillimita ruhhu biss li jara jekk hemmx xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, u mhux li jidhol fil-mertu ta' vertenza li diga ghaddiet in gudikat, u l-imsemmi Bord ma messu qatt okkupa ruhhu mill-konsiderazzjonijiet li fil-fatt okkupa ruhhu minnhom. F'kull kaz, il-Mandat ta' Zgumbrament 8/02 gie cedut mill-intimati odjerni.*

*"11. Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*"**Vertenza**.*

*"F'din il-kawza l-kwistjoni hi dwar jekk sentenza li kienet inghatat mill-Bord Li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Ottubru 1985 fir-rigward tal-fond numru 8, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, tistax tigi ezegwita gialadarba l-fond huwa milqut minn ordni ta' rekwizizzjoni.*

*"**Fatti**.*

*"Fil-qosor dawn huma 'l fatti:-*

*"1. B'sentenza li nghatat fl-24 ta' Ottubru 1985 mill-Bord Li Jirregola l-Kera fil-kawza* **Emmanuel Schembri vs Salvatore Attard** *(Rikors 38B/85), il-Bord laqa' t-talba ta' Schembri sabiex ma jgeddidx il-kirja favur Salvatore Attard. Inoltre ffissa t-terminu ta' xahrejn sabiex Attard jizgombra minn gewwa l-fond (fol. 8). Jirrizulta li l-fond oggett tal-proceduri jikkonsisti f'dar u porzjon art mdaqsa.*

*"2. Fit-28 ta' Jannar 1986 is-Segretarju tad-Djar hareg ordni ta' rekwizizzjoni numru 48579 (fol. 26) fir-rigward tal-fond numru 8, Cannon Lane, Santa Venera.*

*"3. Fis-7 ta' Lulju 2004 il-Bord Li Jirregola l-Kera ordna s-sospensjoni ta' ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament numru 8/02 fl-ismijiet Emmanuel Schembri vs Salvatore Attard. Ir-ragunament tal-Bord kien li r-rikorrent ma setax jitlob l-izgumbrament tal-inkwilin peress li bl-ordni ta' rekwizizzjoni l-pussess tal-fond ghadda f'idejn id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali.*

*"4. Fis-17 ta' Ottubru 2011 l-atturi talbu l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament (numru 1453/2011). It-titolu ezekuttiv li ssemma kienet is-sentenza fuq imsemmija. L-atturi Maria Schembri hi mart Emmanuel Schembri filwaqt li l-konvenuti l-ohra huma whud ulied u ohrajn in-neputijiet ta' Emmanuel Schembri. B'digriet moghti fis-27 ta' Ottubru 2011 il-Bord laqa' t-talba tas-sidien ghall-izgumbrament tal-konjugi Attard.*

*"5. B'dikjarazzjoni datata 26 ta' Jannar 2012 (fol. 15), l-Awtorità tad-Djar ikkonferma li l-ordni ta' rekwizizzjoni kienet ghadha fis-sehh.*

*"6. Fil-25 ta' Ottubru 2012 l-Awtorità tad-Djar ipprezentat ittra ufficjali fil-konfront tal-partijiet fejn talbithom jaghtu l-kummenti taghhom ghat-talba tas-sidien biex l-ordni ta' rekwizizzjoni titnehha minn fuq l-art u tibqa' biss fuq ir-residenza.*

*"7. Permezz ta' nota prezentata mill-Awtorità tad-Djar fit-18 ta' Ottubru 2013 gie kkonfermat li kienet inharget ordni ta' de-rekwizizzjoni fir-rigward tal-art. L-ordni ta' rekwizizzjoni nzammet fir-rigward ta' fejn hemm ir-residenza*[8]*.*

*"**Konsiderazzjonijiet**.*

*"1. Bis-sentenza li nghatat mill-Bord Li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Ottubru 1985 giet terminata l-kirja li Salvatore Attard kellu tal-fond numru 8, Sqaq il-Kanun, Santa Venera. Ifisser li kif dik is-sentenza saret gudikat, Salvatore Attard ma kienx ghad fadallu jedd li jibqa' jokkupa l-fond. Ghalkemm Emmanuel Schembri kellu titolu ezekuttiv jidher li ma talabx*

[8] Delinejata bl-ahmar fil-pjanta a fol. 112.

*il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament. B'hekk is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita.*

*"2. Pero' fit-28 ta' Jannar 1986 harget l-ordni ta' rekwizizzjoni. Din wasslet sabiex is-Segretarju tad-Djar jitlob li Emmanuel Schembri u Saviour Attard sabiex jaghtuh il-pussess tal-fond. Fl-avviz moghti Schembri (fol. 26) jinghad li l-pussess tal-bini kellu jinghata lis-Segretarju tad-Djar meta johrog minnu min qed jokkupa l-fond. Jirrizulta li Saviour Attard qatt ma hareg mill-fond, minkejja li nghata avviz biex jirritorna c-cwievet. Anzi l-indikazzjoni hi li l-Gvern ippermetta li bis-sahha ta' dik l-ordni ta' rekwizizzjoni, Attard jibqa' jokkupa l-fond. Tant hu hekk li fit-twegiba guramentata l-Awtorità tad-Djar iddikjarat:*

> *"3. Illi intant huwa minnu li hemm ordni ta' rekwizizzjoni li tipprotegi lill-atturi fl-okkupazzjoni taghhom tal-fond de quo.*
>
> *"4. Illi l-esponenti hassew il-htiega li johorgu din l-ordni ta' rekwizizzjoni fit-28 ta' Jannar 1986 bhala mezz ta' protezzjoni favur l-inkwilin ta' dak iz-zmien Saviour Attard." (fol. 23).*

*"3. Jibda biex jinghad li l-atturi kellhom jippruvaw biss li l-ordni ta' rekwizizzjoni ghadha fis-sehh. Il-presunzjoni hi li l-ordni simili tkun harget skond il-ligi. Min jallega l-kuntrarju jrid jaghti prova li ma saritx fl-interess pubbliku. Ghal dak li jirrigwarda formalitajiet (ara sitt eccezzjoni tas-sidien), naqsu milli jghidu x'inhuma. Mill-provi m'hemmx indikazzjoni li l-ordni hi vizjata minhabba xi formalità.*

*"4. Ghalkemm bis-sentenza r-relazzjoni guridika bejn is-sid u l-inkwilin spiccat, bil-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni l-pussess ghadda ghand is-Segretarju tad-Djar (ara per ezempju* ***Assunta Cassar vs Avukat Dr Carmelo Zammit nomine deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1959, Volum XLIII.i.238****). Il-hrug tal-ordni kienet fid-diskrezzjoni tas-Segretarju tad-Djar, u kellha tigi ezercitata fejn ikun "[….] jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku, izda biss bil-ghan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista' jghammar jew biex jizgura t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wiehed jista' jghammar." (Artikolu 3 tal-Att dwar id-Djar, Kap. 125). Il-hrug ta' tali ordni ma jfissirx li ma kenitx sindakabbli mill-qorti biex jigi determinat jekk id-diskrezzjoni ezercitata mill-awtorità pubblika saritx fl-interess pubbliku. Madankollu dan m'huwiex il-meritu tal-kawza prezenti.*

*"5. Ladarba l-awtorità pubblika kompetenti ghazlet li tohrog ordni ta' rekwizizzjoni sabiex taghti protezzjoni lill-attur, is-sid ma kellux iktar jedd li johrog atti ezekuttivi kontra Attard sabiex jizgumbrah mill-fond, u dan peress li:-*

*"(a) Bl-ordni tar-rekwizizzjoni l-pussess tal-fond ghadda f'idejn is-Segretarju tad-Djar. Ifisser li l-effetti tas-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1985 gew sospizi diment li l-ordni ta' rekwizizzjoni tibqa' fis-sehh. L-ordni ma jfissirx li hassret is-sentenza, izda li wasslet ghas-sospensjoni tal-effetti taghha diment li l-ordni jibqa' fis-sehh.*

*"(b) Hu evidenti li s-Segretarju tad-Djar ta l-awtorizazzjoni lil Attard li jkompli jokkupa l-fond. Wiehed jista' jipprova jargumenta li din il-mizura ttiehdet sabiex tinghata protezzjoni lill-persuna li kienet giet zgumbrata mill-fond b'sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera. Argument li jidher li hu ben fondat. Pero' dawn il-proceduri ma sarux sabiex tigi mistharrga l-ordni tas-Segretarju tad-Djar, izda biex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza diment li hemm l-ordni ta' rekwizizzjoni. Ghalkemm is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1985 hi gudikat, dan ma kienx jippreklud lis-Segretarju tad-Djar, li ma kienx parti ghal dawk il-proceduri, milli johrog ordni ta' rekwizizzjoni taht l-Att dwar id-Djar (Kap. 125). Fatt li sehh u li ghalhekk iwassal sabiex is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera ma tkunx tista' tigi esegwita diment li jibqa' fis-sehh l-ordni ta' rekwizizzjoni. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-familja li dan 'il fatt ifisser li s-Segretarju tad-Djar kien sfida ghall-Bord Li Jirregola l-Kera (ara hames eccezzjoni). Lanqas ma taqbel (li) s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1985 teghleb l-ordni ta' rekwizizzjoni. Dan ma jistax ikun ghaliex l-ordni harget wara s-sentenza. Is-sidien m'ghandhomx ragun meta jsostnu li din il-kawza hi appell mis-sentenza tal-Bord. L-atturi m'humiex jimpunjaw dak li jinghad fis-sentenza, izda li ma tistax tigi ezegwita minhabba li ghad hemm fis-sehh ordni ta' rekwizizzjoni.*

*"B'riferenza ghal dak li jinghad fid-disa' eccezzjoni m'hemm l-ebda prova li d-digriet moghti fis-7 ta' Lulju 2004 kien inghata minhabba pressjoni li saret fuq il-Magistrat. Dan apparti li l-motivazzjoni tal-Bord kienet korretta. Pjuttost il-qorti ma tifhimx kif snin wara saret talba ohra ghall-hrug ta' mandat ta' zgumbrament (1453/2011) meta kien hemm digà l-provvediment tas-7 ta' Lulju 2004 li ma kienx gie impunjat.*

*"Madankollu l-qorti tibqa' perplessa kif il-Gvern, ghal dawn is-snin kollha, ta protezzjoni lill-atturi fir-rigward tal-proprjetà kollha meta kien car daqs il-kristall li ma kellhomx bzonnha. Kien biss fil-mori tal-kawza li l-Gvern stenbah li s-sidien ukoll ghandhom jeddijiet u li l-atturi ma kienx jimmeritahom jibqghu jinghataw kenn taht l-ordni ta' rekwizizzjoni fir-rigward tal-parti l-kbira mill-art milquta wkoll mir-rekwizizzjoni. Atteggjament li fih innifsu jwassal biex jigu kalpestati d-drittijiet tac-cittadin, u dan irrispettivament jekk huwiex intenzjonat jew le*";

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-2 ta' Jannar, 2014, l-atturi appellanti talbu li, għar-raġunijiet hemm imsemmija, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tħassarha safejn sabet li l-ġnien u l-art ta' madwar il-fond numru tmienja (8) Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, mhumiex aktar milquta mill-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u, minflok, u

(b) billi ssib li (i) t-talbiet tagħhom kollha għandhom jintlaqgħu billi l-imsemmija art u ġnien ikunu dikjarati milquta bl-imsemmi Ordni ta' Rekwiżizzjoni; (ii) li l-Mandati ta' Żgumbrament maħruġa mill-intimati għandhom jibqgħu sospiżi sakemm l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni jibqa' fis-seħħ; u (iii) li s-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Ottubru, 1985, imissha tibqa' mhux eżegwibbli kontrihom sakemm l-istess Ordni jibqa' fis-seħħ. Talbu li l-intimati jkunu kundannati jħallsu l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

4. B'Risposta mressqa fis-16 ta' Jannar, 2014, l-intimata Awtorità tad-Djar laqgħet għall-appell tal-atturi billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalet li din il-Qorti jmissha tiċħdu bi spejjeż għall-atturi appellanti billi "huwa inkorrett fil-fatt u fid-dritt imma addirittura huwa qarrierqi u jista' faċilment jisgwida lill-dina l-Onorabbli Qorti fil-ġudizzju tagħha";

5. L-intimati Schembri ressqu r-Risposta tagħhom għall-appell tal-atturi fl-20 ta' Ottubru, 2014, u li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li, safejn is-sentenza appellata sabet li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni tneħħa minn fuq biċċa mis-sit ma kienx hemm għalfejn l-iżgumbrament tal-atturi jibqa' wkoll sospiż, hija tajba u jmissha tkun konfermata, imma, minħabba li l-istess sentenza ma laqgħetx l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom, kienu qed jinqdew mill-appell tal-atturi biex iressqu appell inċidentali minnha;

6. Fl-Appell Inċidentali mressaq minnhom fl-20 ta' Ottubru, 2014, l-intimati qalu li kienu jħossuhom aggravati mis-sentenza appellata safejn ma laqgħetx l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom u għalhekk, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tirriformaha billi (i) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma ntlaqgħux uħud mill-eċċezzjonijiet tagħhom u safejn kienu ntlaqgħu wħud mit-talbiet attriċi u, minflok, (ii) tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom u b'hekk tiċħad it-talbiet attriċi kollha u (iii) tirrevokaha u tħassarha safejn ordnatilhom iħallsu parti mill-ispejjeż tal-kawża u, minflok, tordna li jkunu l-atturi li jħallsu l-ispejjeż imsemmija fiż-żewġ istanzi;

7. L-Awtorità tad-Djar ressqet Risposta għall-imsemmi appell inċidentali fit-30 ta' Ottubru, 2014, li biha u wara li għamlet it-tifsiriet jew kjarifiki li dehrilha meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, qalet li kienet toqgħod għal dak li din il-Qorti jogħġobha tiddeċiedi u ttenni dak kollu li kien ingħad minnha fir-Risposta li ressqet għall-appell ewlieni tal-atturi;

8. Min-naħa tagħhom, l-atturi wieġbu għall-appell inċidentali b'Risposta mressqa minnhom fl-20 ta' Novembru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell inċidentali tal-intimati;

9. Rat il-provvediment mogħti minnha waqt is-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2018[9], fuq talba magħmula mill-atturi appellanti b'rikors tagħhom tat-28 ta' Settembru, 2018, u wara li qieset it-tweġibiet tal-partijiet l-oħrajn fil-kawża u semgħet il-provi rilevanti;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-5 ta' Frar, 2019;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża u ħadet konjizzjoni ta' atti u proċeduri oħrajn imressqa quddiem il-Qrati b'rabta mal-mertu tal-każ;

12. Rat li l-appelli tħallew għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

13. Illi l-kwestjonijiet legali li nisslu l-appelli mressqa mis-sentenza appellata jikkonsistu (i) fl-effetti ta' sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Ottubru, 1985, li ordnat it-tneħħija ta' kerrejja minn fond lilhom mikri, liema sentenza saret ġudikat (aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza RRB"); (ii) l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni") maħruġ fit-28 ta' Jannar, 1986, ftit wara l-għoti tal-imsemmija sentenza u li tħassar f'parti minnu b'Ordni ta' Derekwiżizzjoni fis-7 ta'

[9] Paġġ. 201 – 2 tal-proċess

Ottubru, 2013, waqt li kienet miexja din il-kawża quddiem l-ewwel Qorti; u (iii) s-siwi u s-saħħa ta' Mandati ta' Żgumbrament (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Mandati") mitluba u maħruġa mill-intimati fis-17 ta' Mejju, 2002[10], u fis-17 ta' Ottubru, 2011[11], rispettivament b'eżekuzzjoni tas-sentenza RRB. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti sabet li l-Ordni baqa' jiswa biss fuq il-parti tal-fond mikri lill-atturi – jiġifieri d-dar – li ma kienx għadu milqut bit-tħassir f'parti tal-istess Ordni u ma baqax jgħodd aktar għall-ġnien u l-art ta' madwar dak il-post. Dik is-sentenza sabet ukoll li, sakemm u safejn l-Ordni kien baqa' fis-seħħ, is-sentenza RRB ma tistax tkun eżegwita, u għalhekk lanqas il-Mandati maħruġa fuq talba tal-intimati ma setgħu jkunu eżegwiti bis-saħħa tal-imsemmija sentenza;

14. Illi l-kontenzjoni ewlenija tal-intimati appellanti hija fis-sens li l-ħruġ tal-Ordni ma seta' qatt kien ta' xkiel għas-saħħa u r-rabta li nħalqet bejn il-partijiet bis-saħħa tas-sentenza RRB. Huma jgħidu li l-ħruġ tal-Ordni fuq il-post minkejja s-sentenza RRB kien għemil abbużiv li bih l-amministrazzjoni b'daqqa ta' pinna sfidat l-awtorità ġudizzjarja u ġiet taqa' w tqum minn sentenza. Il-Qorti tqis li ma jirriżultax li l-intimati appellanti qatt ħadu proċeduri quddiem xi qorti biex jattakkaw is-siwi ta' dak l-Ordni[12]. F'din il-kawża lanqas ressqu azzjoni rikonvenzjonali. Fis-

[10] L-eżekuzzjoni ta' liema Mandat inżammet bis-saħħa ta' Digriet mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7.7.2004 (Ara Dok "Ċ", f'paġġ. 10 – 2 tal-proċess). Matul is-smigħ tal-kawża (ara paġ. 35 tal-proċess) sar verbal li fih l-atturi iddikjaraw li huma kienu rtiraw l-imsemmi Mandat qabel ma ħarġu l-Mandat 1453 tal-2011)
[11] Dok f'paġġ. 39 – 41 tal-proċess
[12] Xhieda tal-intimat Emanuel Schembri f'paġ. 76 tal-proċess

sentenza appellata, l-ewwel Qorti ħallitilhom bla mittiefsa l-jeddijiet tagħhom fir-rigward;

15. Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-atturi** mis-sentenza appellata. Kif ingħad, dawn l-aggravji jikkonsistu fil-fatt li l-ewwel Qorti ma setgħetx sabet li kien inħareġ Ordni ta' De-rekwiżizzjoni fuq biċċa mill-post rekwiżizzjonat, ladarba ma nħareġ l-ebda Ordni bħal dan skond il-liġi. Jgħidu wkoll li l-Awtorità m'għandha l-ebda setgħa fil-liġi li tneħħi l-effetti tal-Ordni minn fuq parti minn fond milqut b'Ordni ta' Rekwiżizzjoni li tkun parti integrali mill-istess fond. Għalhekk, huma jgħidu li l-Ordni li nħareġ fl-1986 għadu sħiħ u jgħodd kollu kemm hu sallum. It-tieni aggravju, marbut mal-ewwel wieħed, huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li warrbet it-tifsira tal-kelma "bini", u għarfet li l-Ordni seta' jitħassar f'xi parti li mhix id-dar fejn jgħixu l-istess atturi appellanti;

16. Illi għal dawn l-aggravji, l-intimati appellati jilqgħu billi jgħidu li l-ħruġ tal-Ordni kien wieħed għal kollox abbużiv u mfassal u maħsub biex iġib fix-xejn titolu e'ekuttiv li kien inħalaq bis-saħħa tas-sentenza RRB, tant li l-Ordni nħareġ ftit xhur biss wara li dik is-sentenza saret ġudikat li jorbot lill-istess atturi appellanti. L-appellati jikkontestaw li ma nħarġitx Ordni ta' De-rekwiżizzjoni u jirreferu għall-atti tal-kawża fejn tressqet kopja ta' dik l-Ordni. Iżidu jgħidu li l-għan tal-liġi kien li Ordni ta' Rekwiżizzjoni tinħareġ biss biex tipprovdi akkomodazzjoni lil min jeħtieġa, u mhux biex

tesproprja lis-sid ukoll minn ġid li fih wieħed ma jabitax. Iżidu jgħidu li l-ispirtu u l-kelma tal-liġi li bis-saħħa tagħha nħareġ l-Ordni juru biċ-ċar li l-insistenza min-naħa tal-atturi appellanti biex jibqgħu jżommu l-artijiet ta' qrib id-dar fejn jgħixu hija abbużiva daqskemm inġusta;

17. Illi, min-naħa tagħha, l-Awtorità intimata appellata tisħaq li l-Ordni ta' De-rekwiżizzjoni nħareġ tassew u kif kellha kull setgħa li tagħmel taħt il-liġi. Iżżid tgħid li l-istess atturi appellanti kienu mgħarrfa u notifikati bl-istess Ordni ta' De-rekwiżizzjoni. L-Awtorità tqis li l-argument tal-atturi appellanti huwa perikoluż għalihom infushom għaliex donnhom qegħdin jargumentaw li l-Ordni jew tħassar kollu jew ma seta' jitħassar xejn, bil-konsegwenzi kollha li t-tħassir kien iġib miegħu għall-jedd tagħhom li jibqgħu jgħammru fil-post. Tgħid ukoll li ma hemm xejn fil-liġi li jżommha milli tneħħi mill-effetti ta' xi Ordni minnha maħruġ xi ambjenti jew ġid li ma jkunx qiegħed jaqdi l-għanijiet ewlenin tal-liġi nnifisha – jiġifieri dik li tipprovdi postijiet li fihom wieħed ikollu fejn joqgħod;

18. Illi l-Qorti tqis li meta nħareġ l-Ordni f'Jannar tal-1986 dan kien jolqot il-ġid kollu li kien mikri lill-attur appellant. Dan kien il-ġid li l-istess appellant kien ordnat li joħroġ minnu fis-sentenza RRB li ngħatat xahrejn qabel. Il-ġid imsemmi kien jinkludi r-razzett li l-appellant jgħix fih. L-Ordni nħareġ bis-saħħa tal-Att dwar id-Djar[13] li fl-artikolu 2 tiegħu jfisser "*bini*"

[13] Att. II tal-1949 (Kap 125)

bħala "*dar jew bini ieħor, jew ishma minnhom, li jintużaw jew jistgħu jintużaw għal għanijiet residenzjali, u jinkludu kull art jew ġnien li jagħmlu sehem sħiħ, jew li huma magħluqin f'dik id-dar jew f'dak il-bini ieħor*". Dik il-liġi hija maħsuba li tagħti setgħat lid-Direttur "*biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wieħed jista' jgħammar*"[14]. Il-liġi tagħti lid-Direttur is-setgħa li jirrekwiżizzjona xi bini taħt "*struzzjonijiet li jidhrilu li huma meħtieġa jew xierqa sabiex ir-rekwiżizzjoni jista' jkollha effett u tkun tista' sseħħ*"[15]. Dik il-liġi tipprovdi li hekk kif ordni ta' rekwiżizzjoni jsir u jkun notifikat kif provdut, dan "*ikollu effett sħiħ kontra kulħadd u jibqa' hekk operattiv u effettiv sakemm il-bini jiġi derekwiżizzjonat*"[16]. Il-liġi tagħti lid-Direttur is-setgħa li jidderekwiżizzjona dak il-bini li xi żmien qabel jkun irrekwiżizzjona;

19. Illi l-aggravji tal-atturi appellanti huma fis-sens li mhux minnu li l-fond milqut bl-Ordni kien derekwiżizzjonat u li l-liġi ma tagħtix li, ladarba nħareġ l-Ordni, l-Awtorità tista' tidderekwiżizzjona parti minn dak li jkun ġie rekwiżizzjonat. Il-Qorti jidhrilha li dawn l-aggravji mhumiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, mill-atti tal-kawża joħroġ ċar li l-Awtorità tabilħaqq ħarġet Ordni ta' De-rekwiżizzjoni fuq il-biċċa l-kbira mill-ġid li dwar kien inħareġ l-Ordni fl-1986[17]. Dan ġara f'Ottubru tal-2013 u l-Ordni

---

[14] Art. 3(1) tal-Kap 125
[15] *Ibid.*
[16] Art. 3(4) tal-Kap 125.
[17] Dok f'paġ. 110 tal-proċess

tħalla fis-seħħ dwar dik il-parti biss li tinsab imberfla bil-lewn aħmar fuq pjanta mfassla f'Mejju ta' dik l-istess, u jiġifieri fil-parti fejn hemm ir-razzett li jgħixu fih l-atturi appellanti[18]. L-atturi ma jistgħux jgħidu li dan ma jafux bih għaliex id-deċiżjoni u l-pjanta tressqu fl-atti tal-kawża qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Fit-tieni lok, id-deċiżjoni tal-Awtorità ttieħdet wara li f'Ottubru tal-2012[19], kienet bagħtet ittra uffiċjali kemm lill-atturi appellanti u kif ukoll lill-intimati appellati bil-ħsieb tagħha speċifiku w espress li "l-Ordni ta' Rekiżizzjoni għandha tibqa' biss fuq ir-residenza u titneħħa min fuq l-art li tiċċirkonda l-istess residenza". Fit-tielet lok, minn dak li joħroġ mill-atti, hemm x'wieħed jgħid jekk il-ġnien li jdawwar parti mill-post fejn jgħixu l-atturi appellanti jistax jitqies tassew bħala aċċessorji "*li jagħmnlu sehem sħiħ, jew li huma magħluqin f'dik id-dar*" milquta bl-Ordni[20]. Fir-raba' lok, bħalma l-liġi tagħti setgħat lill-Awtorità li toħroġ ordni ta' rekwiżizzjoni fuq bini jew ishma minnu għall-għan ewlieni li jipprovdi lin-nies post fejn jistgħu jgħixu jew li jassikura tqassim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, hekk ukoll tagħti li l-istess Awtorità tista' tneħħi minn kull ordni hekk maħruġ xi ishma jew ambjenti partikolari li ma jkunux jaqdu dak l-għan. Il-liġi fiha bosta dispożizzjonijiet li jaħsbu għat-tneħħija jew għall-għoti ta' sanzjonijiet fejn jirriżulta li l-bini milqut b'ordni ta' rekwiżizzjoni ma jkunx qiegħed jintuża għall-għan li għalih

---

[18] Dok f'paġ. 112 tal-proċess
[19] Dok "CA1", f'paġ. 82 tal-proċess
[20] Ara. App. Inf. **24.11.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Ċilia*** (Kollez. Vol: **LXXI.ii.600**) u P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph John Edwards pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali*** (mhix appellata)

inħareġ[21]. Fil-ħames lok, billi s-setgħa ta' ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni hija waħda amministrattiva mħarsa minn liġi speċjali, daqstant ieħor l-istess liġi tagħti setgħa lil min ikun ħa tali deċiżjoni li jħassarha għal kollox, jew jillimitaha, jekk kemm-il darba jirriżultalha li ma tkunx aktar taqdi l-ħtiġijiet jew l-għanijiet ta' dik il-liġi[22]. Fis-sitt lok, ladarba l-liġi ma tgħidx kif għandu jew jista' jsir tħassir għal kollox jew b'biċċa minnu ta' ordni ta' rekwiżizzjoni, dan jista' jsir b'kull mod sakemm jibqa' fil-qafas tal-liġi u sekemm ikun mgħarraf kif jixraq lil min jolqot direttament;

20. Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma marret lil hinn mis-setgħat tagħha meta ħadet qies tal-Ordni ta' De-rekwiżizzjoni maħruġ mill-Awtorità appellata. Lanqas ma jirriżulta li s-sentenza appellata fiha xi tħaddim jew tifsira ħażina tal-liġi safejn għarfet li l-Ordni tħassar f'parti minnu u li ma baqax jgħodd aktar għal dawk l-ambjenti li ma humiex milquta biż-żamma fis-seħħ tal-Ordni kif mibdul;

21. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tal-atturi mhux sejjer jintlaqa';

22. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravju tal-intimati fl-appell inċidentali** tagħhom. Dan l-aggravju, fil-qosor, huwa fis-sens li s-sentenza appellata messha sabet li s-saħħa tas-sentenza RRB kienet tisboq dik tal-Ordni u li, safejn dik is-sentenza toħloq ġudikat bejn il-

[21] Artt. 3(10) u 9 tal-Kap 125
[22] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth _Administrative Law_ (11th Edit 2014) f'paġ. 191

partijiet, ma kellu jingħata lill-atturi l-ebda benefiċċju jew jedd bis-saħħa tal-Ordni. Biex isaħħu dan l-aggravju, l-intimati appellanti jressqu bosta argumenti mqanqla fuq ir-rispett tas-saltna tad-dritt u r-rabta maħluqa b'sentenzi mogħtijin mill-qrati u li ma jmissu jsir xejn min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika jew mill-eżekuttiv biex iġib fix-xejn is-saħħa ta' sentenzi li jkunu saru ġudikat. Jgħidu li saħansitra l-ewwel Qorti ikkummentat dwar il-mod mhux xieraq li bih imxew l-affarijiet fil-ħruġ tal-Ordni u x'ġara wara;

23. Illi għal dan l-appell, l-Awtorità intimata wieġbet billi qalet li l-ħruġ tal-Ordni kien dettat minn ħtieġa li l-liġi nnifisha tippreskrivih u li l-ħruġ ta' l-Ordni ma jistax jitqies li huwa xi għemil ta' sfida lis-saħħa jew l-effikaċja tas-sentenza RRB;

24. Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi appellati jilqgħu għall-appell inċidentali billi jgħidu li l-ħruġ tal-Ordni issospenda l-effetti tas-sentenza RRB u nħareġ skond il-liġi, u sakemm dak l-Ordni jibqa' fis-seħħ, dik is-sentenza ma tistax tkun eżegwita. Jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti li, minkejja l-argumenti kollha mressqin fir-rikors tal-appell inċidentali tagħhom, l-intimati appellanti qatt ma sfidaw is-siwi tal-Ordni b'kawża għal daqshekk quddiem il-Qrati;

25. Illi l-Qorti tinnota li sostanzjalment dan l-aggravju tal-intimati jistrieħ

fuq l-eċċezzjonijiet tagħhom. Kif ingħad aktar qabel, l-atturi ma ressqux azzjoni rikonvenzjonali f'din il-kawża. Huwa minnu li l-parti mħarrka tista' twaqqa' l-azzjoni attriċi bis-saħħa ta' eċċezzjonijiet, imma l-eċċezzjonijiet ma jibdlux in-natura tal-azzjoni li huma immirati li jwaqqgħu. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma kien hemm l-ebda talba li titkellem dwar is-siwi tal-Ordni: għall-kuntrarju, it-talbiet kienu jassumu li l-Ordni kien jiswa u li s-saħħa tiegħu kienet "tinnewtralizza" s-saħħa tas-sentenza RRB u l-ewwel Qorti ntalbet tikkonferma dan u b'hekk li l-ebda Mandat ta' Żgumbrament ma seta' jinħareġ sakemm u safejn dak l-Ordni jkun għadu fis-seħħ;

26. Illi l-Qorti tagħraf li l-ewwel Qorti applikat u ħaddmet ir-regola stabbilita sa minn żmien ilu mill-Qrati dwar l-effetti li ordni ta' rekwiżizzjoni jaħlaq mal-ħruġ tiegħu, b'mod partikolari fuq sid il-bini rekwiżizzjonat[23]. Filwaqt li, bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti tifhem dak li kellhom jgħaddu minnu l-intimati appellanti u li, sa ċertu punt, għadhom għaddejjin minnu llum, ma ssibx li hemm raġunijiet biex titbiegħed mill-prinċipji stabbiliti b'mod kostanti mill-Qrati Maltin dwar l-effetti li l-Ordni ħalla fuq l-eżegwibilità tas-sentenza RRB. Dawn iż-żewġ prinċipji huma li sid il-bini rekwiżizzjonat jitlef il-pussess tal-ġid rekwiżizzjonat u li bis-saħħa tal-Ordni jinħalaq rapport '*sui generis*' bejn l-okkupant tal-bini u d-Dipartiment sakemm idum fis-seħħ l-istess Ordni jew sakemm is-sid ma jagħżilx li

[23] Ara, b'eżempju, App. Inf. PS **24.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Abela vs Jane Sheehan*** u App. Ċiv. **16.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Galea vs Ġużeppi Briffa*** §§ 10 – 11

jagħraf lill-okkupant bħala kerrej. F'dan il-każ, iċ-ċirkostanzi juru li dawk iż-żewġ prinċipji għadhom fis-seħħ. Tagħraf li, bis-saħħa tad-De-rekwiżizzjoni f'parti minnha li ġrat matul is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, dawk l-effetti ntemmu fuq dik il-parti ta' ġid l-intimati li ma għadhiex milquta bl-Ordni;

27. Illi dan kollu jfisser ukoll li s-sentenza RRB u l-effetti li ħalqet bejn il-partijiet inżammu mill-eżekutività tagħhom bis-saħħa tar-rabta l-ġdida li nħalqet bejn l-atturi u d-Dipartiment bil-ħruġ tal-Ordni. Hekk ukoll isegwi li l-Mandati ma setgħux jinħarġu sakemm dak l-Ordni kien għadu fis-seħħ jew safejn dak l-Ordni kien jolqot ġid partikolari. Fejn dak l-Ordni ma jibqax aktar fis-seħħ, l-eżekuzzjoni tista' ssir[24];

28. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell inċidentali bħala mhux mistħoqq fid-dritt;

***Decide:***

29. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

---

[24] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de' Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et*** (mhix appellata)

**Tiċħad l-appelli**, kemm dak ewlieni tal-atturi u kif ukoll dak inċidentali tal-intimati, mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk tikkonfermaha għal kollox; u

**Tordna** li l-atturi appellanti jħallsu l-**ispejjeż** tal-appell ewlieni u l-intimati jħallsu l-**ispejjeż** tal-appell inċidentali; filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm